# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-25 ta' Mejju, 2017.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 725/2017**

**Premier Business Limited**
**(C 65941)**

**vs.**

**Kunsill Lokali San Giljan**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll bl-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 9), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

2.3. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza fil-gurnata u hin hemm indikati;

3. Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali intimati datata it-22 ta' Mejju, 2017, (ara foll 14);

4. Rat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat is-socjeta` rikorrenti sintetikament elenkat il-pretensjonijiet segwenti, (ara foll 1);

6.1. Illi din il-procedura giet intavolata biex tikkawtela il-jeddijiet minnha allegati;

6.2. Illi ghalhekk qed titlob li din il-qorti izzomm lill-Kunsill Lokali intimat milli:

6.2.1. Ma jitterminax is-servizz ta' tindif riferit;

6.2.2. Ma tassenjax l-istess servizz lil terzi;

6.2.3. Ma jinharigx *tender* gdid fir-rigward tal-istess servizz;

6.3. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet intavolat oggezzjoni u appell quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici biex jigi rikonsidrat il-kuntratt tas-Servizz ta' Tindif tat-Toroq f'San Giljan;

6.4. Illi b'hekk terga' tinhareg sejha ghall-offerti, (ara foll 6);

6.5. Illi ssosstni li r-rifjut kien arbitrarju u ingust;

6.6. Illi s-socjeta` rikorrenti hi awtonoma u distinta mis-socjeta` *Waste Collection Limited*;

6.7. Illi ma jistax ikun hemm *res judicata* fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6.8. Illi s-socjeta` rikorrenti ma kienitx parti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata t-28 t'April, 2017, (ara foll 15);

6.9. Illi l-Bord ta' Revizjoni fuq indikat ma jistax jirrifjuta u jiddikjara inammissibbli l-oggezzjoni tas-socjeta` rikorrenti;

6.10. Illi l-Kunsill Lokali *de quo* qieghed jissosspendi u jittermina b'mod arbitrarju u ingust is-servizz moghti mis-socjeta` *Waste Collection Limited* b'effett mill-14 ta' Mejju, 2017;

6.11. Illi f'dan il-kaz l-istess Kunsill ser jassenja t-*tender* bi pregudizzju ghas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha tieghu il-Kunsill Lokali intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

7.1. Illi t-*tender* in dizamina numru SC52-4/2016 kien gie aggudikat fl-20 t'Ottubru, 2016;

7.2. Illi s-socjeta` *Waste Collection Limited* appellat din l-aggudikazzjoni quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici;

7.3. Illi l-imsemmi Bord sab favur il-Kunsill *de quo*;

7.4. Illi l-imsemmija socjeta` appellat din id-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell li irrilaxxat sentenza favur l-istess Kunsill fit-28 t'April, 2017, (ara foll 15);

7.5. Illi fil-5 ta' Mejju, 2017, is-socjeta` hawn rikorrenti intavolat appell quddiem il-Bord fuq riferit;

7.6. Illi t-terminu biex ikun intavolat appell minn aggudikazzjoni ta' *tender* hu wiehed perentorju t'ghaxart (10) ijiem;

7.7. Illi t-trapass ta' kwazi sitt (6) xhur mill-aggudikazzjoni *de quo* ghall-appell taghha mis-socjeta` hawn rikorrenti hu palezement *fuori termine*;

7.8. Illi kienet tinkiser il-ligi kieku gie accettat l-imsemmi appell *stante* li kien inordinatament tardiv;

7.9. Illi c-cirkolari imsemmija mis-socjeta` rikorrenti hargu wara l-aggudikazzjoni in dizamina;

7.10. Illi konsegwentement dawn ic-cirkolari mhumiex applikabbli ghar-rikors in dizamina;

7.11. Illi l-intenzjoni wara l-mandat odjern hi li tistultifika l-process tal-offerta ghas-servizz ta' tindif in dizamina u b'hekk, is-servizz jibqa` jigi ezegwit mis-socjeta` li tilfet l-istess offerta;

7.12. Illi ghalhekk ir-rikors promotur hu frivolu u vessatorju;

7.13. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess tirrileva sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi ghandu jkun pacifiku li ai termini tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jzomm lill-Kunsill Lokali intimat milli jaghmel xi haga li b'xi mod, ikun li jkun, tirreka xi hsara lis-socjeta` rikorrenti;

8.2. Illi biex pero` jintlahaq dan l-iskop jinhtieg is-segwenti:

8.2.1. Illi s-socjeta` rikorrenti trid turi li l-mandat minnha rikjest hu necessarju biex jittutela d-drittijiet legittimi taghha;

8.2.2. Illi jkun ukoll jidher li l-istess socjeta` rikorrenti ghandha *prima facie* dawk id-drittijiet minnha vantati, (ara ***Sammut vs. Sammut, Prim'Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***);

Ikkunsidrat:

9. Illi ghalhekk biex din il-procedura tirnexxi, s-socjeta` lanjanti trid tipprova li hi ser tbaghti pregudizzju, (ara ***Grech proprio et nomine, vs. Manfre`, Qorti tal-Appell***, datata l-***14 ta' Lulju, 1998***);

10. Illi *di piu`* iz-zewg rekwiziti fuq elenkati, (ara paragrafu numru tmienja punt tnejn, (8.2.), aktar qabel), ghandhom jigu kkonsidrati kumulattivament u mhux alternattivament;

11. Illi ghalhekk, jekk wiehed mill-istess rekwiziti fuq elenkati ma jirrizultax, it-talba promotrici ghandha tigi respinta;

12.0. Illi jinghad ukoll f'dan ir-rigward li l-qorti kolpita b'tali rikjest specjali ghandha l-obbligu:

12.1. Kemm li tkun oggettiva fl-analizi taghha tal-vertenza in dizamina, u

12.2. Kemm li tuza interpretazzjoni restrittiva fir-rigward;

13. Illi hu wkoll pacifiku li l-procedura odjerna hi ta' natura eccezzjonali – ghalkemm necessarjament sommarja;

14. Illi di piu`, fl-analizi taghha f'dan il-livell tal-procedura in dizamina l-istess qorti hi impedita milli tanalizza l-mertu tal-istess fil-profondita` li jista' jattira;

15. Illi finalment jigi wkoll sottolineat li l-fatt li tintlaqa' t-talba fiha innifisha ma tfissirx li d-dritt vantat ikun gie debitament ipprovat, u *vice versa*, il-fatt li l-istess talba ma tigiex akkolta ma jfissirx li l-istess dritt vantat ma jezistix;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi dak li jirrizulta minn ezami *in prima facie* tal-vertenza odjerna hu sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-Kunsill Lokali *de quo* hareg offerta ghat-tindif fil-lokalita` in kwistjoni fejn l-applikazzjoni tas-*Socjeta` Waste Collection* Limited giet respinta;

16.2. Illi din is-socjeta` intavolat appell quddiem il-Bord ta' Revizjoni li irrespinga l-istess appell;

16.3. Illi s-socjeta` lanjata intavolat appell quddiem il-Qorti tal-Appell, li wkoll irregetta l-istess appell bis-sentenza datata t-28 t'April, 2017;

16.4. Illi ghalkemm kompletament estranea ghall-imsemmija socjeta` *Waste Collection Limited*, is-socjeta` hawn rikorrenti intromettiet ruhha fil-process u min-naha taghha intavolat appell separate fl-istess Bord ta' Revizjoni li pero` jirrizulta li gie intavolat abbundantement tardivament billi kien intavolat kwazi 6 xhur wara d-decizjoni *de quo* meta t-terminu statutorjament stabbilit hu t'10 tijiem;

16.5. Illi ghalhekk jirrizulta *prima facie* li s-socjeta` rikorrenti lanqas biss ghandha *locus standi* biex tintavola r-rikors odjern peress li ma tiffigurax fil-procedura li qed tipprova tistultifika;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess jirrizulta pacifiku li s-socjeta` rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt x'tivvanta fil-konfront tal-Kunsill Lokali *de quo stante*:

17.1. Illi hi kompletement estranea ghall-vertenza – hlief bl-eccezzjoni ta’ parentala li giet accennata fit-trattazzjoni bejn is-sidien involuti fl-imsemmija socjetajiet;

17.2. Illi l-intromissjoni tas-socjeta` rikorrenti fil-process aggudikattiv jirrizulta palezement tardiv;

18. Illi ghalhekk, id-drittijiet allegati mis-socjeta` rikorrenti effettivament ma jirrizultawx li jezistu;

19. Illi konsegwentement it-talbiet vantati mis-socjeta` rikorrenti m’ghandhom l-ebda sostenn legali;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tas-suespost, tqis li s-socjeta` rikorrenti ma pprovatx it-talbiet taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

20.2. Takkolji r-risposti tal-Kunsill Lokali intimat;

20.3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha precedenti datat it-12 ta’ Mejju, 2017;

20.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**